# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

Il-Ħamis, 22 ta' Ottubru, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 18.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

18.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 18.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

18.2.1 Is-Sindku ħeġġeġ sabiex f'dawn iċ-ċirkustanzi, nirrispettaw id-distanza u nibqgħu bil-maskli sabiex inaqqsu r-riskju ta' mard.

18.2.2 Is-Sindku qal li fl-attivita' ta Clean up the World morna tajjeb ħafna saħansitra inġabar skip mimli skart.

18.2.3 Is-Sindku qal li sfortunatament ix-xogħolijiet fuq il-monument ta' San Lawrenz ma komplewx, hu informa li qed kontinwament ifakkar lill-Ministeru dwar dan ix-xogħol.

18.2.4 Is-SE qalet li rigward it-"*Tender for the Supply of Pots, Trees and Plants, Including planting and maintenance using environmentally friendly materials and practices*", il-bord irrimarka li l-offerti li inxeħtu kienu kollha over budget. Il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jinħareġ it-tender.

18.2.5 Is-SE qalet li rċivejna email rigward: *3rd edition of the Istanbul Environment Friendly City Award (2020-2021).* Is-Sindku qal li għandna naraw jekk aħniex eleġibbli li napplikaw. . Il-Kunsill qabel unanimament.

18.2.6 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand is-Sur Gorg Mizzi dwar xi play li ser li ser jiġbdu f'San Lawrenz b'atturi minn San Lawrenz stess, dan talab għal ftit refreshments għall-atturi. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.2.7 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand il-Kunsiller George Camilleri bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Laburisti, fejn talab li titħawwel Ċipressa fi Triq Bieb il-Għar f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.2.8 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mill-AKL fejn qed joffru skema sabiex jitħawwlu iktar siġar. Is-Sindku qal li dawn idejalment jitħawwlu fi Triq tal-Qasam u noħorġu avviż lir-residenti sabiex naraw jekk hemm xi ħadd li jixtieq jieħu ħsieb is-siġra hu. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.2.9 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-edukazzjoni fejn talbu nomina mill-kunsill persuni li huma nvoluti fl-Isports li jistgħu jintużaw bħala eżempju minn San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lil: Sonny Borg, Noel Formosa, Karl Formosa u Louis Galea.

## 18.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

18.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li s-siġar taż-żebbuġ hemm bżonn li jinżabru u offra li jagħmilhom hu. Il-Kunsill qabel u irringrazzjaħ ta' dan il-ġest.

18.3.2 Il-Kunsillier George Camilleri propona li titqassam maskla lill-kull resident f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li għandha tinġabar stima.

## 18.4 Mozzjoni 1/8;

18.4.1 Is-SE qratil-mozzjoni numru 1/8 u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

***Peress*** *li l-Kunsill Lokali San Lawrenz ilu żmien ifittex post alternattiv għall-Uffiċju tal-Kunsill Lokali u biex noħolqu Ċentru Ċiviku li fost l-oħrajn jinkludi wkoll għassa, klinika, sala tal-kunsill, latrina pubblika, liberirija u servizzi oħra li jistgħu jinqalgħu fil-futur.*

***Peress*** *li fil-passat ressaqt mozzjonijiet oħra sabiex il-Kunsill jibda l-proċess mall-Education biex jieħu f'idejh il-biċċa art mitluqa fl-iskola, immarkata fil-pjanta annessa.*

*u* ***peress*** *li wara li saret it-talba tal-Kunsill u wara diversi diskussjonijiet li personalment kelli mad-dipartiment tal-Edukazzjoni din ġiet aċċetata, skont email uffiċjali tas-Sinjura Maria Mc Namara.*

***Nipproponi*** *uffiċjaliment sabiex issa l-Kunsill jgħaddi għall-pass li jmiss li jwassal għad-devoluzzjoni tal-art mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll sabiex jipprovdi l-finanzi biex dan il-proġett ambizzjuż u bżonjuż iseħħ.*

18.4.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Anthony Formosa. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

18.4.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li dan ilna ħafna nixtiequ xi opportunita' bħal din u żgur ser tkun ta' ġid għall-kulħadd. Is-Sindku qal li dan mument storiku għax qed nifmhu l-bżonn tal-lokalita' u bħala kunsill qabel kulħadd għall-ġid komuni. Huwa qal li ser ikompli għaddej sabiex ifittex opportunitajiet mnejn nistgħu nakkwistaw fondi anċellari biex inkunu nistgħu nibnu dan iċ-Ċentru Ċiviku. Tant hu hekk li huwa nforma lill-Kunsill li talab appuntament mal-Ministru għal Għawdex sabiex issir laqgħa speċifikament fuq dan iċ-Ċentru Ċiviku u wkoll dwar il-finanzjament tiegħu.

## 18.5 Applikazzjoni għall-Skemi Pendenti;

18.5.1 Is-Sindku qal li ħarġet skema SPI 6/2020 - *Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex*. Wara diskussjoni sar qbil li napplikaw għall-open space ta quddiem iċ-Ċentru Ċiviku propost, kif ukoll manutenzjoni, avvenimenti u tisbieħ tal-Pjazza li jinkludi; Swejjaq, Festival tal-Fjuri, 3d mapping show. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 18.6 L-"Attivita Milied b'Differenza" u Attivitajiet Oħra relatati mal-Milied;

18.6.1 Is-Sindku qal li din is-sena sfortunatament minħabba l-pandemija, mhux ser ikun possibli li nagħmlu parties bħal tat-tfal u tal-anzjani u anqas avvenimenti oħrajn bħal Swejjaq u l-Pagaent tal-Milied. Is-Sindku qal li għandu ideat sabiex isiru affarijiet alternattivi biex infakkru l-Milied xorta waħda u naċċertaw li nkunu qed nobbdu mar-regolamenti tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

18.6.1 Is-Sindku ppropona li ssir 3d mapping show b'sound fuq medda ta tlett ijiem fejn għall-siegħa kuljum jintwerew xeni fuq il-knsija li wieħed jista jgawdi fil-karozza u bejgħ tal-imbuljata take-away. Is-Sindku kompla jgħid li inżejnu bil-fjakkoli madwar il-pjazza kif ukoll tiżjien li jsir kull sena, inkluż is-siġra tal-Milied u tiżjien fit-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

18.7.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 18.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis, 26 ta' Novembru 2020 fil-13:30.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Noel Formosa<br>Sindku | Sarah Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |